

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-2 ta' Diċembru 2013

Li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tal-estensjoni tal-moratorju fuq dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi u l-moratorju fuq ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u lmenti dwar sitwazzjonijiet

(2013/728/UE)

(ĠU L 332, 11.12.2013, p. 17)

Kkoreġuta minn:

► **C1** Emendi, Ġ.U. L 290, 6.11.2015, p. 18 (2013/728/UE)



DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-2 ta' Diċembru 2013

Li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tal-estensjoni tal-moratorju fuq dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi u l-moratorju fuq ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u lmenti dwar sitwazzjonijiet

(2013/728/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Moratorju fuq dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi ("il-moratorju dwar il-kummerċ elettroniku") b'effett illi l-membri tad-WTO għandhom ikomplu l-prattika preżenti li ma jimponux dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi ġie adottat fil-forma ta' dikjarazzjoni fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) tal-1998.
- (2) Attwalment il-moratorju jieħu l-forma ta' deċiżjoni tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO, li ġiet imġedda kull sentejn sa mill-1998. Il-moratorju ġie estiż l-aħħar fil-Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Diċembru 2011 sal-2013.
- (3) L-ebda kunsens dwar il-projbizzjoni jew l-awtorizzazzjoni ta' ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u ilmenti dwar sitwazzjonijiet skont il-Ftehim TRIPS ma kien possibbli, sa issa. Id-Dikjarazzjoni adottata fil-Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Hong Kong fl-2005 tiddikjara: "Aħna nieħdu nota tal-ħidma mwettqa mill-Kunsill għall-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ skont il-paragrafu 11.1 tad-Deċiżjoni ta' Doha dwar Kwistjonijiet Relatati mal-Implimentazzjoni u Tħassib u l-paragrafu 1.h tad-Deċiżjoni adottata mill-Kunsill Ġenerali fl-1 ta' Awwissu 2004, u li nindirizzawha lejn it-tkomplija tal-analiżi tal-kamp ta' applikazzjoni u l-modalitajiet għall-ilmenti tat-tipi previsti taħt is-subparagrafi 1(b) u 1(c) tal-Artikolu XXIII tal-GATT 1994 u nagħmlu rakkomandazzjonijiet għas-Sessjoni li jmiss tagħna. Huwa miftiehem li, sadanittant, il-Membri mhux se jniedu dawn l-ilmenti skont il-Ftehim TRIPS."
- (4) Il-proċedura għall-estensjonijiet suċċessivi tal-moratorju fuq l-ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u l-ilmenti dwar sitwazzjonijiet s'issa kienet permezz tal-adozzjonio ta' deċiżjoni tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO li ġiet wara rakkomandazzjoni mill-Kunsill għal Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ.
- (5) Huwa fl-interess tal-Unjoni li tagħti l-appoġġ tagħha għall-estensjoni tal-moratorju dwar il-kummerċ elettroniku u l-moratorju dwar l-ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u l-ilmenti dwar sitwazzjonijiet.

▼B

- (6) Huwa xieraq, għalhekk, li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fi ħdan il-Konferenza Ministerjali tad-WTO rigward l-estensjoni tal-moratorju fuq il-kummerċ elettroniku u l-moratorju dwar l-ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u l-ilmenti dwar sitwazzjonijiet,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ għandha tkun li tappoġġja l-estensjoni sal-Konferenza Ministerjali tad-WTO li jmiss, tal-moratorju fuq dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi ("il-moratorju dwar il-kummerċ elettroniku") u tal-moratorju dwar ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u lmenti dwar sitwazzjonijiet, kif stabbiliti fl-abbozzi ta' deċiżjonijiet tad-WTO li ġejjin:

▼C1

- ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u lmenti dwar sitwazzjonijiet TRIPS WT/MIN(13)/W/2,
- kummerċ elettroniku WT/MIN(13)/W/3.

▼B

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.